Ghaziz Ministru u kollegi

Eghziez Membri tal-Bord, haddiema kollha tac-Centru ghall-Medjazzjoni u sinjuri Medjaturi, kull persuna prezenti

Nibda biex nirringrazzja **lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja Dr Jonathan Attard** talli, minkejja l-kalendarju mpenjattiv tieghu, sab il-hin sabiex, bhala Ministru li taht it-tmun tieghu jaqa dan ic-Centru, jkun prezenti ma' dawk kollha li llum ser jinghataw dan ic-certifikat ta' Nominazzjoni, certifikat li sabiex kull wiehed u wahda minn dawn li llum ser jircevuh, indubbjament swihom hin prezzjuz ta' studju sabiex waslu s'hawnhekk. Minn hawn hekk, jiena bhala Chairperson tac-Centru Ghal Medjazzjoni nawguralkom u nifirhilkom minn qiegh qalbi ghal impenn siewi fi hdan l-istess Centru.

Ta' min jghid illi kemm ili li assumejt il-kariga ta' Chairperson, lura fis-**17 ta' Gunju 2022,** jiena flimkien mad-dirigenti kollha ta' dan ic-Centru u kollegi tieghi membri ta' dan il-Bord, in linea wkoll ma' dak dispost fil-manifest elettorali tal-Gvern, embarkajna minnufih sabiex flimkien u bl-ghajnuna tal-Ministeru tal-Gustizzja, naraw kif ser inwessghu il-funzjonijiet tal-medjaturi.

Tlaqna fuq process fejn anke abbozzajna, ghalkemm ghadna fi stadju bikri, qafas legislattiv sabiex jiehu l-forma legali tieghu, sabiex inrendu b'mod mandatarju aspetti ta' disputi fejn ser inkunu qed nipproponu li partijiet fi kwestjoni ghandhom jirrikorru ghal stadju ta' medjazzjoni mandatorja QABEL tali partijiet ikunu jistghu jipprocedu fil-kontenzjuz.

Dan huwa biss immirat sabiex fejn huwa possibbli nevitaw li jinfethu proceduri gudizzjarji fejn wiehed jista talvolta jimmedja *tramite* medjaturi specjalizzati. Dan, naturalment ma jostakolax jew ixekkel id-dritt t'access ghall-Qrati/jew Tribunali, izda biss ikun preludju ghall-litigju. Naturalment, fejn ma jkunx hemm qbil bonarju bejn il-partijiet, allura t-

triq tibqa dik li l-partijiet jirreferu l-kwestjoni quddiem il-Qrati jew Tribunali relattivi.

Ta' min jghid ukoll illi dan ic-Centru qieghed bhalissa ghaddej f'diskussjonijiet avvanzati ma zewg entitajiet importantissimi UKOLL bil-ghan sabiex inwessghu il-parametri sabiex terzi jirrikorru ghal medjazzjoni. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil **Dr Joe Gerada** ir-Regolatur ewlieni fi hdan il-**Family Business Office**. Dhalna f'diskussjonijiet bejnietna fejn sibna illi hemm htiega kbira illi negozji li jigu gestiti minn membri tal-familja jew kif ben sew definiti ai termini tal-Kapitolu 565 tal-Ligijiet ta' Malta ikollom access usa u specjalizzat f'dan il-qasam sabiex tassew jirrikorru ghal-dan il-process ta' medjazzjoni.

Innotajna illi hawn nuqqas ta' gharfien dwar il-possibilita illi negozji gestiti mill-familji jistghu jirrikoru ghal dan ic-Centru sabiex tigi iffacilitata medjazzjoni f'dissdidwi u disputi li frekwentament jitfaccaw f'dawn in-negozji. Indunajna illi hemm hafna negozji illi jifformaw parti sostanzjali mill-mutur ekonomiku ta' pajjizna illi attwalment isibu diffikultajiet kbar fl-immanigjar tan-negozji b'rizultanzi fejn jistghu iwasslu negozju sabiex jigi stultifikat minhabba dawn id-diffikultajiet.

Ghal dan il-ghan, hassejna l-htiega illi ningaggaw f'dibattitu sabiex naraw kif ser intejjbu l-aspett akkademiku ghal Medjaturi ghal nies bhalkom illi jixtiequ jahdmu f'dan is-settur u illi rajna illi ma tezistix specjalizzazzjoni ta' medjaturi f'dan is-settur specifiku.

Konswegwentement, jiena flimkien mar-Regolatur tal-Family Business Office ddiskutejna flimkien mal-Fakulta tal-Ligi fi hdan l-Universita ta' Malta, propjrju ma' **Dr Ivan Mifsud** u ma' **Dr Mary Muscat** sabiex il-kors illi effettivament iwassal ghal gradwazzjoni ta' Medjaturi fi hdan l-istess Fakulta tal-Ligi, jatrezza l-istess kors sabiex jiftah l-ispecajalizzazjoni ta' Medjazzjonijiet specjalizzati u akkademikat iffukati fuq Family Business Mediation.

Ghal dan il-ghand gie attwalment maqbul illi jigi ffirmat fil-futur qarib, Memorandum of Understanding (MOU) bejn ic-Centru ghal Medjazzjoni, il-Family Business Office kif ukoll il-Fakulta tal-Ligi sabiex infasslu flimkien u niddetrmininaw qafas ewlieni sabiex dan ikun jista jsehh. Ghal dan ahna ddiskutejna wkoll il-possibilita ta' allokozzjoni ta' fondi sabiex dawk il-Medjaturi illi jixtiequ jkattru l-intellett akkademiku taghhom f'dak il-qasam tali specjalizzazzjoni tigi wkoll pprovduta tramite l-ghajnuniet fi hdan l-Malta Enterprise u l-Family Business Office. Minn hawnhekk nixtieq debitament nirringrazzja minn qalbi lil Dr Joe Gerada, lil Dr Ivan Mifsud u lil Dr Mary Muscat tal-input siewi li kollha taw ghal dan id-dibattitu.

Ma nistax ma nirringrazzjax minn qalbi tal-ghajnuna li nsib u l-access inkondizzjonat ghal dak kollu li dan ic-Centru jehtieg sabiex jitkattar minn ghand il-Ministru ghall-Gustizzja **Dr Jonathan Attard** li direttament jaqa tahtu dan ic-Centru, lil **Dr Miriam Dalli** li tahtha taqa l-Malta Enterprise u li qed taghti l-appogg kollu lir-Regolatur **Dr Joe Gerada** sabiex tinkiseb b'mod effettiv din is-sinergija.

Fl-ahhar mill-ahhar ma nistax ma nirringrazzjax minn qalbi lis-sur **Romuald Attard**, ir-Registratur tal-Malta Mediation Centre illi minghajr l-ghajnuna kontinwa u prezzjuza tieghu dan kollu ma jkunx possibbli.

Ma nistax ukoll ma nirringrazzjax lin-nies illi jahdmu fil-Malta Mediation Centre u cioe':

- Charles Attard
- Ruth Agius; u
- Alfred Psaila

u lill- kollegi kollha tieghi tal-Bord tad-Diretturi tac-Centru:

- L-Vici Chairperson u habib antik tieghi Dr Michael Tanti Dougal
- Dr Jacob Portelli
- Jennifer Cuschieri u
- Frances Muscat

Li ilkoll insib fihom sens kbir ta' kollegjalita u sens kbir ta' dover.

Grazzi lil kulhadd.